**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jonathan Ferris]**

**vs**

**Peter sive Pierre Falzon**

**Kumpilazzjoni Numru: 398/2015**

**Illum, 16 ta' Dicembru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Peter sive Pierre Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 0535060M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fi Frar 2007 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu ta' Francis Camilleri ID 869236M;

2) B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' Francis Camilleri ID 869236M;

3) Bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel dmirjietu, b'taghkis jew bi hsara ta' Francis Camilleri ID 869236M;

4) Bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disa' (9) ta' Gunju elfejn u sittax (2016) fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:

1. Fl-artikoli 308, 309 u 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 532A u 532B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 138, 140 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
5. Fl-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat frodi u misapproprjazzjoni mill-imputat fi kwalita` tieghu ta' Nutar ghad-detriment ta' Francis Camilleri li kien ghamel uzu tas-servizzi tal-imputat meta xtara post gewwa Had-Dingli.

Illi xehed l-**Ispettur Jonathan Ferris** li spjega li kien irceiva kwerela ghan-nom ta' Francis Camilleri liema kwerela rreferiet ghall-kuntratt li sar quddiem in-Nutar Pierre Falzon fejn Francis Camilleri kien hallas is-somma ta' €8,857 lin-Nutar bhala boll fuq it-trasferiment illi qatt ma kien gie insinwat. Francis Camilleri qallu li xi hadd kien qallu sabiex jiccekkja jekk il-post inkwistjoni jghajjatx lilu jew inkella kien ghadu jghajjat is-sid ta' qabel fejn irrizultalu li l-kuntrat qatt ma kien gie insinwat u l-post kien ghadu jghajjat lis-sid precedenti. L-Ispettur Ferris esebixxa l-kuntratt inkwistjoni (Dok. JF3), dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali (Dok. JF4) u Dok. JF 5 l-istqarrija tal-imputat.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat **Peter Sive Pierre Falzon** qal li jidher li d-drittijiet fuq dan il-kuntratt thallsu ghaliex il-

konvenju gie registrat. Dwar is-somma ta’ €8,857 bl-amment ma jiftakarx la li Camilleri hallsu u lanqas jekk il-kuntratt giex insinwat. Qal li kellu jaghmel il-verifiki tieghu. Mistoqsi x’ghamel bil-flus qal li ma jafx jekk ghaddihomx “*lid-Dipartiment jew le, pero` jekk ghadhom hemm, sinjal li jkun qabizli l-kuntratt u allura huma dovuti.*” Zied jghid ukoll li f’seba’ snin hadd ma avvicinah li hemm kuntratt-konvenju li ghadu mhux insinwat u ghalhekk kellu jaghmel ir-ricerki tieghu.

Xehed **Francis Camilleri** li qal li l-konvenju kien sar quddiem in-Nutar Pierre Falzon li kien hadimlu darbtejn ohra. Huwa qal li kien qed jiehu te’ r-Rabat fejn sema’ zewg min-nies jitkellmu fuq in-Nutar Falzon u dak li kien ghamlilhom. Huwa qal li kien hallas lin-Nutar ghall-bolol izda n-Nutar ma hallashomlux. Mistoqsi mill-Ispettur jekk iccekkja jekk in-Nutar hallasx dawn it-€8,857 qal li huwa ma ccekkja xejn. Il-parte civile ma setax jaghraf il-firma tieghu fuq Dok. JF3 peress li ma hemmx firem. Huwa qal li xtara minghand Michael Mizzi cirka seba’ snin ilu.

Xehed **Patrick Grima** li qal li fl-20 ta' Frar 2006 gie registrat konvenju dwar propjeta` gewwa Had-Dingli ta' valur ta' LM85,000 fejn mar-registrazzjoni tal-konvenju sar hlas ta' LM850. Ix-xhud esebixxa ricevuta li giet immarkata Dok. PG1.

Xehed **Mario Magro** mill-Awtorita` tad-Djar li qal li kien deher fuq il-kuntratt relattiv tat-2 ta' Frar 2006 ghan-nom tal-Awtorita`. Huwa kkonferma li qabel Camilleri l-proprjeta` kienet fuq Michael Mizzi.

Xehed **Michael Mizzi** li qal li huwa kien biegh ic-cens ta' post gewwa Had-Dingli lil Francis Camilleri. Huwa qal li Frans Camilleri kien hallsu u allura ghalih ic-cens gie trasferit lil Frans. Huwa kkonferma li Frans kien hallsu ta' kollox. Huwa qal li ma kienx hu li ghazel in-Nutar Pierre Falzon.

Xehed in-**Nutar Joseph Abela** fil-kwalita` tieghu ta' President Notarili li qal li l-imputat inghata l-*warrant* ta' Nutar Pubbliku fl-10 ta' Mejju 1983 u fl-20 ta' Ottubru 2015 gie inabedit temporanjament mill-ezercizzju *professjonali notarili u fl-20*

*ta' Ottubru 2015 l-imputat irrinunzja ghall-warrant* ta' Nutar Pubbliku. Dawn in-notifiki gew esebiti mix-xhud bhala Dok. JA1.

Illi xehed ukoll l-imputat **Pierre Falzon** li spjega li l-proprjeta` li giet trasferita kienet proprjeta` tal-Awtorita` tad-Djar u normalment meta jkun hekk isisr kuntratt konvenju. Huwa qal li dan kien kuntratt ta' cessjoni li jsejhulu kuntratt konvenju ghax isir att pubbliku u allura jigi kuntratt. F'kazijiet bhal dawn isiru l-hlasijiet kollha f'daqqa. Mistoqsi jekk l-ammonti thallsux fl-intier taghhom lid-Dipartimenti relattivi l-imputat qal li ma kienx ivverifika u lanqas Francis Camilleri kien ivverifika. Qal ukoll li Mario Magro mill-Awotrita` tad-Djar qal li thallas kollox u anki Michael Mizzi bhala cessjonarju qal li thallas. L-imputat qal li huwa jahseb li r-rapport sar ghaliex il-parte civile, li kien ragel anzjan, sema' xi nies jghidu fuqu go xi bar jew kaffetterija ghaliex dak iz-zmien kien hemm hafna ghajdut fuqu u qabad u ghamel rapport. Mistoqsi jekk riedx izid xi haga qal: *"Le ma nimmaginax. Sa fejn naf jien kollox huwa in order jigifieri."*

Inkontroezami l-imputat qal li Francis Camilleri kien ghaddielu s-somma ta’ €8,857 li kienu parti biex jithallas il-boll u parti biex tithallas l-Awtorita` tad-Djar. Mistoqsi mill-Ufficcjal Prosekutur x’sar mill-boll, in-Nutar qal hekk: “Jiena dak il-hin immaginajt … li ovvjament jekk ….. kellu ittra minghand l-avukat tieghu u minghand l-avukat tal-complainant u ghamel certu checking, immaginajt li ccekkja l-affarijiet sewwa. Pero` mix-xhieda li nghatat fl-awla ma jirrizultax hekk.” Fuq domanda jekk irregistrax il-kuntratt u hallas it-tmien t’elef lill-gvern, l-imputat qal: “probabbilment lanaqas kien hemm ghalfejn jithallsu tmien telef..”. Mistoqsi allura ghalfejn talab din is-somma qal: “Ghax il-housing jitolbu somma flus u l-housing qallek li huwa in order.” Qal illi fuq il-konvenju thallas Lm850 bhala boll li jigi 1% u l-4% ikunu thallsu meta jkun sar il-kuntratt. Mistoqsi mill-Qorti meta jithallas il-kumplament gjaladarba dan huwa kuntratt konvenju l-imputat qal is-segwenti: “meta il-housing ikun dawwar il-proprjeta` fuqu. Ghax ghalhekk isir kuntratt konvenju ghax il-housing ikun ghamlet il-procedura biex hadet il-post fizikamnet, pero` legalment ikun ghandu ma giex ghandha. Allura meta

legalment ikollha t-titolu nghidulu ahna, imbaghad isir it-transfer. L-imputat ikkonferma li d-differenza u cioe` il-4% kienu ghandu. L-imputat qal ukoll li l-ewwel bicca tal-kuntratt jghid li huwa kollox in order u ghalhekk jekk il-kuntratt jghid hekk bil-fors iridu jkunu thallsu. Mistoqsi meta hallas il-bqija tad-differenza qal: "bl-amment ma nafx jigifieri." Mistoqsi jekk allura jridu joqghdu fuq il-klema tieghu l-imputat qal: "*Le, le, le, minn dak li hemm jidher. L-ewwelnett Camilleri jghid mill-bidu nett li hu ma vverifika xejn u ma ccekkja xejn. Ok? One. Two, kull ma ghamel ta l-kuntratt lill-Ispettur Ferris u l-Ispettur Ferris ma nahsibx li vverifika lanqas hu, qaghad fuq il-kelma tal-avukat."* L-imputat qal ukoll li "*jekk taghmlu r-ricerka issibu Sur Spettur, issibu li huwa registrat*." Meta rega' gie mistoqsi meta hallas id-differenza fuq il-boll qal: "*nimmagina li dak iz-zmien hallasthom.*" Mistoqsi in ri-ezami jekk Francis Camilleri qatt kellmu jew baghtlu ittra ufficjali qal li qatt ma kellmu u qatt ma baghtlu ittra ufficjali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti tinnota li l-Avukat Generali baqa' jinsisti ghall-akkuza ta' frodi u mhux dik ta' misapproprjazzjoni meta fil-verita` lanqas biss ingabet prova minima fuq iz-zewg reati.

Illi l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment:

> ***"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor . . . ."***

Illi l-gurisprudenza nostrana dejjem kienet illi sabiex tissussisti r-reat ta' truffa mhix bizzejjed is-semplici gidba,

izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba.

Fil-fatt, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet **Pulizija vs. George Manicolo (deciza 31 ta' Lulju 1998 Onor P. Vella)** intqal hekk:

> *"Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke' atti teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajjmu sentiment kif hemm indikati fl-Artikolu 308 hawn fuq citat. Irid ikun hemm il messa in xena, u ghalhekk, kif intqal, il-gideb wahedhom mhumiex sufficjenti. Iridu jkunu atti, inkluz kliem helu u perswassiv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-ezistenza ta' xi haga msemmija mill-frodatur, liema haga, in realta', ma tezistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li*

*qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu ikun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux bizzejjed il-kliem wahdu, izda dan il-kliem ghandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma dan it-tip ta' kliem ghandu jkun hemm xi haga esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, cjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur.*

*Din il-messa in xena hi maghmula minn dawn l-artifizji jew raggiri idonei li jinducu u fil-fatt ikunu inducew lill-vittma fi zball u li bhala rizultat ta' dan l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligh ghall-agent frodatur."*

Illi f'sentenza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs. Charles Zarb**</u> moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti tal-Appelli Kriminali ghamlet espozizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward tal-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat fejn qalet:

> ***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. [...] Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi [...]. Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.***

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd. Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel. Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min: (a) b'mezzi kontra l-ligi, jew (b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew (c) ta' kwalifiki foloz jew (d) billi jinqeda b'qerq iehor u (e) ingann jew 11 (f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen lezistenza ta' intraprizi foloz, (g) jew ta' hila; (h) setgha fuq haddiehor jew (i) ta' krediti immaginarji jew (j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor. [...H] u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex*

*jipperswadu blassistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. [...] Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede".*

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** ikkwotata hawn fuq, il-Qorti tal-Appelli Kriminali ccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

*"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi lidea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores ikompli jghid li:

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li*

*jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita msemmi fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali qed jigi kkwotat l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*"Kull min, bi hsara ta' haddiehor, jaghmel xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jehel, meta jinstab hati, il-piena tkun ta' prigunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa".*

Skont gurisprudenza kostanti w anke awturi tal-ligi, l-elementi ta' dan ir-reat ta' approprazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'*animo di spostarsi del posesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma tas-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita;

3.Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe` japproprja ruhu minnha jew ibieghha jew jiddistruggiha *a proprio comodo o vantaggio*;

5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita.

Fuq dan il-punt din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Marzu, 1993 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu ikun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni indebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldqstant, b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bbazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fil-bidla tal-haga fdata ghal skop determinat.

<u>Carrara</u> fil-ktieb tieghu Diritto Penale (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan r-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:

> ***"la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."***

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief, skont il-kliem tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Mifsud</u>** (dec. 2.12.1992), abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju.

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konverzjoni tal-oggett fdat lilu u hemm din il-konverzjoni meta l-akkuzat ikun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghall-beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, **Luigi Maino** fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347 jghid li:

> *"L'approprazione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

Illi frankament din il-Qorti ma tistax tifhem kif bl-aktar tigbida tal-immaginazzjoni tista' tiffigura dan ir-reat ghaliex l-ebda wiehed mill-principji elenkati hawn fuq ma jinkwadra mal-fatti esposti f'dawn il-proceduri.

Illi lanqas ghar-reat ta' frodi, il-Prosekuzzjoni ma ngabet l-ebda prova li l-imputat f'xi hin holoq *mis en scene* li biha seta' jiffroda lill-parte civile.

Illi fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat treggi legalment u dan ghaliex kif jghid **Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890)**:

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe` oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell

Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz *Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372* fejn inghad illi:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the*

*least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi l-Qorti tqis li lanqas it-tielet u r-raba' akkuzi ma gew ippruvuati b'mod sufficjenti mill-Prosekuzzjoni. Jirrizulta mill-provi li l-parte civile stess qatt ma ccekkja jekk l-imputat irregistra l-kuntratt inkwistjoni u jekk hallasx il-bolla relattiva. Ghall-kuntrarju rrizulta li huwa qabad u ghamel kwerela a bazi ta' dak li sema' minghand terzi persuni meta kien qed jiehu te`. Apparti minn hekk r-rapprezentat tal-Awtorita` tad-Djar ikkonferma li l-fond li xtara l-parte civile kien propju fuq ismu u cioe` Francis Camilleri. In oltre x-xhud Patrick Grima, li qal li gie registrat l-konvenju u gie mhallas is-somma ta' Lm850, fl-ebda hin ma gie mistoqsi jekk ghamel ricerka fuq il-kuntratt finali u qatt ma gie mistoqsi jekk thallas xi somom ohra min-Nutar.

Illi l-Qorti ma tistax tasal ghall-ebda konkluzjonijiet wahedha; anzi l-Qorti trid tkun konvinta u konvinta oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li lanqas dawn l-akkuzi ma jirrizultaw u dan ghaliex il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu superficjali u mhux konvincenti sal-grad rikjest mil-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-ebda wahda mill-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat Peter sive Pierre Falzon ma gew ippruvati u ghalhekk din il-Qorti qed tilliberah minnhom kollha.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**